1 ta' Marzu, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Albert Borg Falzon pr. et ne** *versus* **Joseph Cost Chretien ne.**

## Kontijiet — Approvazzjoni — Impunjazzjoni — Proċedura — Imgħax — Art. 391 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Għalkemm huwa veru li, meta mir-rendiment ta' kontijiet jirriżulta sopravvanz, ma hemmx bżonn li ssir il-proċedura b'ċitazzjoni għall-ħlas ta' dak is-sopravvanz, imma hija biżżejjed il-proċedura speċjali b'rikors preskritta fis-subtitolu VII tat-titolu VII tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 15, dik il-proċedura ma hix aktar applikabili meta min irrenda l-kont ikun gà għamel il-ħlas ta' dak is-sopravvanz.*

*Meta tiġi adoperata dik il-proċedura tar-rikors, u l-Qorti tordna l-ħlas tal-bilanċ, dak il-ħlas ma għandux jitqies bħala approvazzjoni tal-kont.*

*Meta ma tkunx saret dik il-proċedura tar-rikors, lanqas jista' jiġi miċħud il-jedd ta' min jirċievi l-ħlas tas-sopravvanz li jimpunja l-kontijiet; u dan il-jedd hu aqwa meta min irrenda l-kont u ħallas il-bilanċ jeżiġi riċevuta bi kliem li jimportaw kwittanza finali.*

*Għaldaqstant jekk min irrenda l-kont ikun ħallas il-bilanċ b'cheque, u mbagħad jimpedixxi t-tisrif ta' dak iċ-cheque għax min irċevieh ma għamillux kwittanza finali, huwa responsabili għall-imgħax fuq is-somma taċ-cheque minn meta huwa żamm ir-riċevent milli jsarraf dak iċ-cheque.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-atturi huma erba' mill-ħames eredi ta' Matilde Borg Falzon, gà komproprjetarja ta' l-azjenda fuq imsemmija; u illi l-konvenut, fit-18 ta' April 1949, bagħat lill-attur Albert Borg Falzon, fl-interess tiegħu u ta' l-erba' ħutu, cheque ta'

£1057. 12. 3 bħala bilanċ dikjarat *minnu f'* saldu tal-ġestjoni minnu miżmuma ta' l-azjenda fuq imsemmija (dok. A), u għall-kwota li tmiss lill-werrieta ta' l-imsemmija Matilde Borg Falzon; u illi fl-ittra ufficjali tas-26 ta' *Lulju 1949 l-atturi ddikjaraw* ruħhom lesti li jaċċettaw *il-ħlas mingħajr* preġudizzju taddritt li jimpunjaw il-kont, u l-konvenut żamm il-pagament taċ-cheque fuq imsemmi, kif jidher mid-dokument B; talab *li*, wara li jiġu *meħuda l-provvedimenti u magħmula d-dikjarazzjonijiet* li jkun hemm *bżonn*, il-konvenut jiġi kundannat iħallas *lilu proprio et nomine* s-somma ta' £846. 1. 9—erba' kwinti tas-somma ta' £1057, 12. 3 fuq imsemmija bħala *bilanċ* minnu dikjarat dovut lill-istess attur *proprio et nomine*. Bl-imgħax kummerċjali relativi mit-18 ta' April 1949 — ġurnata li fiha l-konvenut ħareġ iċ-cheque; u dana salvi dejjem id-drittijiet ta' l-instanti li jikkritikaw *il-kont tal-ġestjoni tal-konvenut*. Bl-ispejjeż;

Rat *in-nota* ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fiha dan qal illi l-azzjoni hi proposta ħażin, billi, se maj, l-atturi kien imisshom josservaw *il-proċedura mposta mill-art.* 391 Kap. 15. Fil-meritu qal illi d-domanda hija nsostenibili, għaliex l-attur kellu *f'idejh* iċ-cheque għall-ammont in kwistjoni sa mit-18 ta' April 1949, u seta' jsarrfu liberament, billi l-eċċipjent żamm il-pagament ta' l-istess cheque *xi tliet xhur wara. B'riżerva* ta' drittijiet oħra;

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur bonarju ta' *l-ażjenda* msemmija fiċ-ċitazzjoni, il-konvenut hu persuna obligata li tagħti kont, skond l-art. 389 Kap. 15;

Illi għalkemm hu veru li, skond il-ġurisprudenza ċitata mill-konvenut, għall-pagament tas-sopravvanz tal-kont ma hemmx bżonn li jiġi proċedut *b'ċitazzjoni, imma biżżejjed* il-proċedura b'rikors preskritta fis-Subtitolu VII tat-Titolu VII tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 15, f'dan il-każ dik il-proċedura ma kienetx aktar applikabili; għax fil-fatt il-konvenut kien ġà għamel il-pagament bir-rimessa taċ-cheque (għad li wara waqqaf il-ħlas tiegħu), u kwindi ma kienx hemm lok li l-Qorti tiġi mitluba tordna l-pagament tal-bilanċ, skond l-art. 391 tal-Kap. 15;

Illi minbarra dan, l-istanza oriġinat miċ-ċirkustanza li l-konvenut waqqaf il-ħlas taċ-cheque;

Illi għalhekk, għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż u tal-pont ta' l-imgħax, li baqgħu in kwistjoni wara li ġie ċedut il-meritu bin-nota fol. 15, jibqa' li l-Qorti tara jekk il-konvenut kienx ġustifikat li jwaqqaf il-ħlas għaliex l-attur proprio et nomine ried jirċievi l-ħlas bla preġudizzju li jimpunja l-kont;

Ikkunsidrat;

Illi meta jkun hemm lok għal proċeduri speċjali fuq imsemmija, u l-Qorti tordna l-ħlas tal-bilanċ, dan il-ħlas, b'liġi espressa, ma għandux jitqies bħala approvazzjoni tal-kont;

Illi meta ma jkunx il-każ li jiġu segwiti dawk il-proċeduri, kif, minħabba fir-rimessa attwali tal-ħlas, ma kienx il-każ fil-kawża preżenti, ma jistax jiġi miċħud il-jedd ta' min jirċievi l-ħlas li jagħmel dik ir-riżerva stess li tagħmel il-liġi meta jkunu segwiti dawk il-proċeduri. L-attur kien qiegħed jippretendi biss li jagħmel dak li, fi proċeduri simili, tirrikonoxxi l-liġi stess;

Illi l-attur kellu dritt "aqwa" f'dan il-każ li jagħmel dik ir-riżerva, peress li l-konvenut eżiġa riċevuta bil-kliem "full settlement" fiha, li setgħu jipprekludu l-impunjazzjoni eventwali tal-kont;

Illi meta l-konvenut waqqaf il-ħlas, minħabba li ma riedx jaċċetta dik ir-riżerva li ried jagħmel l-attur, hu kien virtwalment qiegħed jiċħad lill-attur id-dritt li, jekk jidhirlu, jimpunja l-kont—dritt li l-liġi tirrikonoxxilu. Ebda preġudizzju ma kien ikollu l-konvenut; għaliex hu kien jista' dejjem, wara żmien raġjonevoli, jitlob l-approvazzjoni tal-kont, jekk il-parti l-oħra ma timpunjahx;

Illi anki jekk il-konvenut seta' jeċċepixxi eċċezzjona illi jagħti lill-attur, skond l-ittra bonarja ta' dan fol. 6, il-permess espress li jsarraf iċ-cheque bla preġudizzju, peress li seta' talvolta jaħseb li b'dan il-permess espress hu kien qiegħed jinvalida b'xi mod il-kontijiet tiegħu, ċertament it-termini ta' l-ittra uffiċjali fol. 7 ma kienux oġġezzjonabili; għaliex fiha l-attur ma talab ebda dikjarazzjoni lill-konvenut, u biss fissirlu illi l-fatt li kien sejjer jirċievi l-ħlas ma kienx jissinifika li kien qed jirċevih għas-saldu. Il-konvenut seta' iew jibqa' kontumaċi għal dik l-intima,

bla ma però jżomm il-ħlas taċ-cheque, jew jirrispondi fis-sens li jekk l-attur ma jimpunjax il-kont f'ċertu żmien, hu kien fiħsiebu jadixxi lill-Qorti għall-approvazzjoni tal-kont skond il-liġi. Minflok il-konvenut żamm il-ħlas taċ-cheque—azzjoni li ma kienetx ġustifikata bl-ebda motiv validu;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, *għalhekk*, għandu jkun responsabili ta' l-imgħax dekorsi mid-data li fiha żamm il-ħlas taċ-cheque, ċjoè mit-30 ta' Lulju 1949, sad-data li fiha l-konvenut għamel id-depożitu *fil-Bank*, kif imsemmi fol. 15, ċjoè sas-17 ta' Jannar 1950 (ara anki verbal fol. 31);

Illi għall-istess raġunijiet il-konvenut għandu jkun responsabili ta' l-inċidenza ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

*Tiddeċidi;*

Billi tastjeni li tieħu konjizzjoni mill-meritu dwar is-sorti, li ġie ċedut bin-nota fol. 15;

Billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur proprio et nomine l-imgħax għall-perijodu fuq imsemmi;

*Billi tikkundannah ukoll għall-ħlas ta' l-ispejjeż.*